**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 20 TA' MEJJU, 2002**

**Avviz Nru: 843/02 AJD**

**Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali**

**vs**

**Raymond Fenech**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' April, 2002, fejn gie premess li fid-19 ta' April, 2001, waqt li l-attur kien ghaddej bil-karozza FAI 076, dahal go fih il-konvenut bil-karozza DAD 549, fi stat ta' intossikazzjoni, u laqtu fuq il-bieba ta' wara tax-xellug u fuq il-mudguard ta' wara. L-attur qieghed ghalhekk jitlob li l-konvenut jigi kkundannat sabiex ihallsu s-somma ta' erba' mija u tmienja u hamsin lira Maltin (Lm458.00) li tikkonsisti fi tlett mija u tlieta u tmenin lira (Lm383.00) bhala spejjez tat-tiswija tal-karozza, u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75.00) bhala spejjez tal-kiri ta' karozza ohra.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-attur, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut lilu. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u tmienja u hamsin lira Maltin (Lm458.00).

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**